

- 3) Ir-Renju tad-Danimarka, ir-Repubblika tal-Finlandja u l-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali (Ir-Raba' Awla) tat-23 ta' Novembru 2011 —  
bpost vs II-Kummissjoni**

**(Kawża T-514/09)**

“Kuntratti pubbliċi għal servizzi — Proċedura ta' sejħa għal offeriti tal-OP — Trasport u distribuzzjoni ta' kuljum tal-Ġurnal Uffiċjali, kotba, kif ukoll perjodiċi u pubblikazzjonijiet oħra — Ċaħda tal-offerta ta' offerent u deċiżjoni li l-kuntratt jingħata lil offerent ieħor — Kriterji ta' għoti — Obbligu ta' motivazzjoni — Żball manifest ta' evalwazzjoni — Responsabbiltà mhux kuntrattwali”

- 1. Kuntratti pubbliċi tal-Komunitajiet Ewropej — Proċedura ta' sejħa għal offeriti — Proċedura ta' revizzjoni kontra d-deċiżjonijiet tal-awtorità kontraenti ta' għoti tal-kuntratti pubbliċi — Prinċipju ta' kontradittorju — Konċiljazzjoni mal-protezzjoni tas-sigrieti tan-negozju — Korpi responsabbli għall-proċeduri ta' revizzjoni — Obbligu li jiġu ggarantiti l-kunfidenzjalità u d-dritt għar-rispett tas-sigrieti tan-negozju fid-dawl tal-informazzjoni li tinsab fil-fajls ikkomunikati mill-partijiet — Kundizzjonijiet — Konċiljazzjoni ta' dan l-obbligu mar-rekwiżiti ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva u mar-rispett tad-drittijiet tad-difiża (Artikolu 267 TFUE; Regolament tal-Kunsill Nru 1605/2002, Artikolu 100(2)) (ara l-punti 25, 26)*
- 2. Kuntratti pubbliċi tal-Komunitajiet Ewropej — Proċedura ta' sejħa għal offeriti — Għoti ta' kuntratti — Offerta li hija l-iktar vantaġġuża ekonomikament — Kriterji ta' għoti — Għażla mill-awtorità kontraenti — Limiti — Osservanza tal-prinċipji ta' trasparenza, ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' nondiskriminazzjoni (Regolament tal-Kunsill Nru 1605/2002, Artikolu 97; Regolament tal-Kummissjoni Nru 2342/2002, Artikolu 138) (ara l-punti 64, 66)*

3. *Kuntratti pubbliċi tal-Komunitajiet Ewropej — Proċedura ta' sejħa għal offerti — Obbligu ta' osservanza tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament tal-offerenti — Neċessità li tiġi żgurata l-ugwaljanza tal-opportunitajiet u li jkun hemm konformità mal-prinċipju ta' trasparenza — Portata tal-obbligu ta' trasparenza (Regolament tal-Kunsill Nru 1605/2002, Artikolu 89) (ara l-punt 65)*
4. *Kuntratti pubbliċi tal-Komunitajiet Ewropej — Konklużjoni ta' kuntratt wara sejħa għal offerti — Setgħa diskrezzjonali tal-istituzzjonijiet — Stħarriġ ġudizzjarju — Limiti (ara l-punt 121)*
5. *Responsabbiltà mhux kuntrattwali — Kundizzjonijiet — Illegalità — Dannu — Rabta kawżali — Assenza ta' waħda mill-kundizzjonijiet — Ċaħda tar-rikors għad-danni kollu kemm hu (it-tieni paragrafu tal-Artikolu 340 TFUE) (ara l-punt 167)*
6. *Kuntratti pubbliċi tal-Komunitajiet Ewropej — Proċedura ta' sejħa għal offerti — Spejjeż sostnuti minn offerent — Dritt għal kumpens — Assenza (Regolament tal-Kunsill Nru 1605/2002, Artikolu 101) (ara l-punt 173)*

## **Suġġett**

Minn naħa, talba għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, ikkomunikata permezz ta' ittra tas-17 ta' Diċembru 2009, li tiċħad l-offerta sottomessa mir-rikorrenti fil-kuntest ta' proċedura ta' sejħa għal offerti Nru 10234 "Trasport u d-distribuzzjoni ta' kuljum tal-Ġurnal Uffiċjali, kotba, kif ukoll perjodiċi u pubblikazzjonijiet oħra" (ĠU 2009/S 176 253034) u li tagħti l-kuntratt lill-offerent magħżul u, min-naħa l-oħra, talba għad-danni.

## **Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) bpost NV van publiek recht hija kkundannata għall-ispejjeż, inklużi l-ispejjeż relatati mal-proċeduri għal miżuri provviżorji.